

**Ritratt tal-Kamra tan-Nar tas-Soċjetà Santa Marija mġarrfa fil-31 ta' Mejju, 1937.**

# 50 SENA ILU...

Il-ġurnata kienet it-Tnejn 31 ta' Mejju tas-sena 1937. Kien għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu meta n-nies ta' l-Imqabba nħasdu bi splużjoni qawwija. Kulħadd kien anzjuż sabiex ikun jaf x'ġara, iżda l-aħbar malajr ġriet. Kienet taret il-Kamra tan-nar tas-Soċjetà Santa Marija.

Il-post fejn kienet tinsab il-Kamra tan-Nar kien magħruf bħala d-dibdieba fil-limiti ta' Ħal-Farruġ fejn illum jinsab l-Airstrip tar-Runway. Dak il-ħin ta' l-isplużjoni fil-Kamra tan-Nar kien hemm tlieta min-nies. Dawn kienu Philip Abdilla ta' 49 sena magħruf bħala Ġaqġaq, Joseph Ellul ta' 32 sena magħruf bħala l-Qonsru u Emanuel Caruana ta' 28 sena magħruf bħala Tillu. Philip Abdilla miet fil-post filwaqt li Joseph Ellul u Emanuel Galea mietu l-Isptar fl-istess ġurnata, wieħed fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar u l-ieħor fis-sebgħa ta' filgħaxija. Kienet disgrazzja kbira għas-Soċjetà tagħna li tefgħet ir-raħal ta' l-Imqabba f'luttu kbir.

Insibu li Joseph Ellul jew aħjar kif kienu jsibuh, il-Qonsru kien magħruf ħafna fost id-dilettanti tan-nar ta' Malta għal kwalità u l-kwantità ta' logħob tan-Nar ta' l-Art li kien jagħmel. Huwa kien ipaxxi mhux biss lill-Imqabbin iżda lil ħafna mid-dilettanti Maltin għaliex kien jagħmel ħafna nar għal diversi festi.




BIL-WIEQFA: (Mix-xellug għal-lemin): Joseph Camilleri, Anthony Busuttil, Grezju Mangion, Joseph Ellul, Felix Galea, Peter Camilleri u George Farrugia.
KOKKA: Nicholas Zammit u Emanuel Caruana.